**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 247/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Jeremy James FARRUGIA**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **Jeremy James FARRUGIA**, ta' 34 sena, imwieled il-Pieta` nhar il-11 ta' Novembru 1984, iben Emmanuel u Catherine nee` Saydon, residenti bħala detenut sentenzjat ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 558384(M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2022, u li ġie mixli talli:

   Nhar it-12 ta' Settembru 2018, ġewwa Diviżjoni II, Ċella 71 fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta:

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (5F-ADB) fl-ammont ta' 2.47 grammi, mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati bl-Avviż Legali 231 tal-2018;

2. U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna lill-imsemmi **Jeremy James FARRUGIA** iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ma sabitx lill-imputat **Jeremy James FARRUGIA** (illum l-appellant) ħati tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnu, wara li rat l-Artikoli 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 5 tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, sabet lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija. In oltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €275.65, rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti. In konklużjoni, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-

inkjesta u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur ta' din il-Qorti, li kellu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Jeremy James FARRUGIA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-addebietu dwar reċidiva u illiberatu minnha filwaqt li tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkuza ta' pussess ta' medicina psikotropika u ristretta (5F-ADB) kif dedotta kontra tieghu, kif ukoll tal-hlas lir-Registratur tal-Qorti tas-somma ta' €275.65 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-ħatra ta' esperti u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidium, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena alternattiva minn dik karċerarja*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors ta' l-appell ta' **Jeremy James FARRUGIA** billi sostna illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravji tal-appellant fl-intier tagħhom u konsegwentement, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Diċembru 2022, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-12 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tal-23.30hrs, il-Pulizija tad-Distrett ta' Raħal il-Ġdid ġew msejħa sabiex imorru ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, u dan għaliex waqt tfittxija f'waħda miċ-ċelel f'Diviżjoni II, instabet sustanza suspettata droga. Mill-investigazzjonijiet illi għamlu l-Pulizija, irriżulta

illi CO 169 Josef Barbara u CO 126 Matthew Galea daħlu f'ċella numru 71, għall-ħabta tad-21.00hrs, u minn tfittxija illi għamlu fl-istess ċella okkupata mill-appellant **Jeremy James FARRUGIA**, huma elevaw numru ta' oġġetti minn fuq *cupboard,* ossia skont ix-xhieda ta' SM 169 Josef Barbara, żewġ boroż tabakk ta' lewn aħdar, sigarett nofsu miftuħ u mferrex b'tabakk ta' lewn aħdar imħallat miegħu, *USB, charger* u *mobile* LG ta' lewn iswed[1].

6. Saret ukoll inkjesta mill-Maġistrat Inkwirenti, Dr. Yana Micallef Stafrace, li ħatret lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut sabiex jassistiha fl-investigazzjoni dwar dan il-każ. Irriżulta mir-relazzjoni tal-imsemmi espert illi s-sustanza misjuba u elevata kienet tat-tip *synthetic cannabinoid,* bil-piż totali tal-ħaxix ta' 2.47 grammi.

7. Nhar l-24 ta' Ottubru 2019 l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u kif ingħad, instab ħati tal-ewwel imputazzjoni bis-sentenza tal-istess Qorti tas-7 ta' Diċembru 2022.

8. Illi fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jilmenta mill-apprezzament żbaljat tal-provi mwettaq mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u jsostni li dik il-Qorti ma setgħetx, raġjonevolment u legalment, tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fuq il-provi li kellha quddiemha. L-appellant jisħaq li għalkemm il-kunċett tal-pussess tad-droga li jitkellem dwaru l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsemmix, fid-diċitura tiegħu, illi dak il-pussess irid ikun wieħed xjenti sabiex tirriżulta r-reita`, madanakollu la darba r-reat huwa wieħed doluż allura dan neċessarjament jimplika l-volontarjeta` tal-att. Skont l-appellant, fil-każ odjern m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi l-pussess tad-droga da parti tiegħu kien wieħed xjenti. Huwa jikkontendi li s-sempliċi fatt li d-droga nstabet fiċ-ċella numru 71 f'Diviżjoni II, ma tissarrafx fi prova sal-grad taċ-ċertezza morali, illi huwa volontarjament żamm dik id-droga fil-pussess tiegħu.

[1] Ara a fol. 38 tal-proċess. Bl-istess mod jixhed CO 126 Matthew Galea, li jgħid illi minn fuq il-*cupboard* ġew elevati "*zewg pakketti tabakk li kienu mhalltin bi'xi haga hadra u sibna nofs sigarett ukoll li kien imhallat b'din l-istess sustanza u kien hemm xi ftit inferrex naqra fuq il-cupboard u wkoll konna gbarnieh ...*" (ara a fol. 40 tal-proċess).

9. Jibda biex jingħad illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tibdilx il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, anke jekk din ma tkunx l-uniku konklużjoni li setgħet tasal għaliha, purche` dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha (ara **Il-Pulizija vs Ishmael Cachia**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Diċembru 2022; **Il-Pulizija vs Tyson Grech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 2024; **Il-Pulizija vs Joseph Tabone**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Novembru 2022). Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

10. Fl-ewwel lok, mill-provi proċesswali, jirriżulta ċar illi ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni, sal-grad rikjest mil-liġi, illi dakinhar tat-12 ta' Settembru 2018, l-appellant **FARRUGIA** kien jinsab detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, fiċ-ċella numru 71 f'Diviżjoni II. Jirriżulta wkoll ippruvat mid-dokumenti esebiti minn CO Helenio Galea, illi minkejja illi l-appellant kien diġa` jokkupa din iċ-ċella fi żminijiet preċedenti, huwa

---

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

okkupa l-istess ċella b'mod mhux interrot mill-31 ta' Awwissu 2018 sat-13 ta' Settembru 2018, ossia l-għada tas-sejba odjerna.[3] Jirriżulta in oltre mix-xhieda ta' SM 169 Josef Barbara u CO 126 Matthew Galea, illi dakinhar tat-12 ta' Settembru 2018, instabu fiċ-ċella msemmija, ossia fuq *cupboard* fl-istess ċella, żewġ boroż b'tabakk ta' lewn aħdar, nofs sigarett imħallat bl-istess sustanza, *USB, charger* u *mobile phone* LG ta' lewn iswed. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ mill-Maġistrat Inkwirenti, jirriżulta wkoll illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar, instabet is-sustanza 5F-ADB, tip ta' *synthetic cannabinoid*, bil-piż total tal-ħaxix ta' 2.47 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Da parti tiegħu, l-appellant irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva, nhar l-24 ta' Marzu 2019, u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali u jkun assistit minn avukat, liema jeddijiet huwa għażel li ma jeżerċitahomx. F'din l-istqarrija, l-appellant għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda li saritlu, kif kellu kull jedd li jagħmel. Jirriżulta in oltre illi l-istess appellant irrilaxxja dikjarazzjoni lill-Pulizija dakinhar tas-sejba in kwistjoni, fejn stqarr illi kien ilu f'dik iċ-ċella għal dawk l-aħħar xhur, li hu jkun waħdu fiċ-ċella, illi dik is-sustanza ma kinitx tiegħu u ma kienx jaf kif spiċċat hemm. Din il-Qorti tinnota madankollu, illi fl-ewwel lok, ir-rapport tal-Pulizija li minnu tirriżulta din id-dikjarazzjoni, fl-ebda waqt ma ġie kkonfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu, PS 463 Christopher Ellul, li baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri, oltre illi ma jirriżultax mill-istess rapport illi din id-dikjarazzjoni saret wara illi l-appellant ingħata s-solita twissija skont il-liġi, ossia l-jedd illi ma kienx obbligat illi jwieġeb għad-domandi li jsirulu, iżda dak kollu li jingħad jista' jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bħala prova. Jirriżulta biss illi huwa ngħata l-jedd illi jkellem avukat, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx.

12. Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

---

[3] Ara a fol. 45 tal-atti proċesswali.

"Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal <u>pussess</u> ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)." [sottolinear ta' dik il-Qorti]

13. F'każ ieħor, ukoll deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Frar 1998, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>**, ingħad hekk:

"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id- disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed

Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."[4]

14. F'dan il-każ, kif ingħad, jirriżulta b'mod ċar illi d-droga in kwistjoni nstabet fil-kontroll effettiv tal-appellant, ossia fuq *cupboard* fiċ-ċella illi huwa kien qed jokkupa u illi kien ilu jokkupa għal tnax-il jum. Jirriżulta wkoll illi l-appellant kien qed jokkupa din iċ-ċella waħdu, u ma nġabet l-ebda prova kuntrarja għal dan. In oltre nstab ukoll parti minn sigarett imħallat bl-istess sustanza, li juri illi l-pussessur tal-istess droga kien fil-fatt qed jagħmel użu minnha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, u skont il-ġurisprudenza ċitata, l-appellant li nstab fil-pussess tad-droga, huwa preżunt li kien fil-pussess ta' dik id-droga xjentement, jiġifieri illi huwa kien jaf bl-eżistenza tagħha u illi dik kienet droga u għalhekk kien jaf li kien fil-pussess tad-droga, salv prova kuntrarja, imqar fuq bażi ta' probabbilta`. F'dan il-każ, ma tirriżulta l-ebda prova jew ċirkostanza mill-fatti tal-każ, li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex temmen, fuq bażi ta' probabbilta`, illi l-appellant ma kienx konsapevoli illi fil-pussess tiegħu kellu d-droga, jew bl-eżistenza ta' dik id-droga fiċ-ċella tiegħu. Għajr għad-dikjarazzjoni tiegħu li ma kienx jaf kif id-droga spiċċat fiċ-ċella tiegħu, meta huwa kien ilu jokkupa dik iċ-ċella waħdu għal numru ta jiem, liema dikjarazzjoni fi kwalunkwe każ, u kif ingħad, m'hijiex prova ammissibbli fil-liġi, din il-Qorti ma tarax illi tirriżulta xi prova, imqar fil-grad tal-probabbli, li tista' xxeqleb il-miżien favur l-appellant. Din il-Qorti tinnota illi s-sottomissjoni tal-appellant matul it-trattrazzjoni orali tiegħu fis-sens illi ċ-ċelel fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ma jissakkrux jew ma jingħalqux mill-priġunier, iżda mill-uffiċjali, li l-priġunier għandu l-għażla li joħroġ miċ-ċella, u illi jekk joħroġ ma jagħlaqhiex hu, illi hemm ħinijiet speċifiċi meta ċ-ċella tingħalaq u li jkun hemm ħin biżżejjed sabiex priġunier imur fiċ-ċella ta' priġunier ieħor mingħajr restrizzjoni, ma ssib l-ebda sostenn fil-provi prodotti. Sottomissjoni ċertament ma tissarrafx fi prova skont il-liġi. Madankollu, anke li kieku dan kien il-każ, din il-Qorti ma tarax għaliex priġunier ieħor kellu jidħol fiċ-ċella tal-appellant u jħalli d-droga fuq il-*cupboard* ad insaputa tiegħu, u tenut kont illi d-droga fil-ħabs m'hijiex xi komodita` li wieħed għandu jifhem li tinstab faċilment, lanqas tara għalfejn kellu xi priġunier ieħor iħallilu din

[4] Ara wkoll f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022.

id-droga gratuwitament fiċ-ċella tiegħu, mingħajr il-konsapevolezza tiegħu.

15. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha ossia ta' sejbien ta' ħtija fl-appellant in kwantu l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, b'dan għalhekk illi dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

16. Illi din il-Qorti tinnota wkoll illi matul it-trattazzjoni orali tiegħu quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, l-appellant qajjem aggravju addizzjonali, li mkien ma jaċċenna għalih fir-rikors tal-appell tiegħu. Permezz ta' dan l-aggravju, huwa jsostni illi l-isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf tas-sustanza skedata, kif indikata fl-Avviż Legali 231 tas-sena 2018, huwa 5F-ADB (5F-MDMB-PINACA) u mhux sempliċiment 5F-ADB, kif indikat fl-imputazzjoni odjerna, u għalhekk, skont l-istess appellant, din m'hijiex l-istess sustanza skedata fil-liġi, b'dan għalhekk illi huwa ma setax jinstab ħati talli kellu fil-pussess tiegħu sustanza skedata u llegali. L-appellant iżid jgħid illi dan l-aggravju jinkwadra ruħu fl-aggravju minnu mqajjem fir-rikors tal-appell ossia illi hawnhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

17. Din il-Qorti ma taqbilx. L-eżerċizzju da parti tal-Ewwel Qorti li qed jattakka l-appellant huwa wieħed ta' apprezzament żbaljat tal-liġi in kwantu skont l-appellant l-Ewwel Qorti ma qisitx illi dak li tipprojbixxi l-liġi hija s-sustanza 5F-ADB (5F-MDMB-PINACA) u mhux sempliċiment is-sustanza 5F-ADB. M'hemmx dubbju illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-appellant fil-fatt kienet 5F-ADB, kif ġie ikkunsidrat u deċiż mill-Ewwel Qorti, tant illi dan ġie rikonoxxut mill-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu, in kwantu huwa jsostni illi "*s-semplici fatt li d-droga nstabet fic-cella numru 71 f'Division 2 u li rrizulta li kienet 5F-ADB …*". Fl-ebda waqt, in kwantu t-tip ta' sustanza in kwistjoni, l-appellant ma jallega fl-aggravju minnu ntentat, xi apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward mill-Ewwel Qorti. Dan għalhekk m'huwa xejn ħlief aggravju ġdid imqajjem mill-appellant fl-istadju tat-trattazzjoni orali dwar l-appell; aggravju dan li ma ġiex imqajjem minnu fir-rikors tiegħu, u bħala tali din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tiegħu, la darba l-appellant ma talabx l-awtorizzazzjoni preċedenti ta' din il-Qorti sabiex iqajjem l-istess aggravju.

18. Madankollu, meqjus dan, sabiex jiġi evitat aggravju ieħor bħal dan fil-futur, din il-Qorti tinnota illi fi kwalunkwe każ, l-espert maħtur mill-Qorti, ix-Xjenzat Godwin Sammut, jagħmilha ferm ċara fir-relazzjoni tiegħu illi s-sustanza 5F-ADB hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan għalhekk illi din il-Qorti m'għandhiex dubju illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-appellant kienet fil-fatt dik skedata taħt l-imsemmi Kapitolu tal-liġi. Din il-Qorti tinnota wkoll illi fir-rapport konġunt taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u tal-Ewropol dwar din is-sustanza[5], maħruġ in linea mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda, taħt l-intestatura 3.1 li jirreferi għad-deskrizzjoni kimika u fiżika, inkluż l-ismijiet li bihom din is-sustanza psikoattiva hija magħrufa, jingħad hekk:

> *Chemical description and names*
>
> *Methyl 2-{[1-(5-fluoropentyl)-1H-indazole-3-carbonyl]amino}-3,3-dimenthylbutanoate is commonly referred to as 5F-MDMB-PINACA and/or 5-ADB*. [sottolinear ta' din il-Qorti].

Fir-rigward skont l-istess rapport:

> *The common name for the substance is derived after its sructural features. Different naming systems exist and are used for applying short/code names to synthetic cannabinoids.*

19. Illi għalhekk huwa ċar illi s-sustanza in kwistjoni hija komunement magħrufa kemm bħala 5F-MDMB-PINACA, kif ukoll bħala 5-ADB, b'dan għalhekk illi m'hemmx dubju illi s-sustanza 5-ADB li nstabet fil-pussess tal-appellant, hija mediċina skedata fit-termini tal-liġi. Għaldaqstant l-appellant lanqas m'għandu raġun f'dan l-aggravju tiegħu.

20. In kwantu għat-tieni talba tal-appellant ossia dik illi permezz tagħha huwa qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena erogata, u dan billi tirrevoka l-piena ta' sitt xhur priġunerija u

[5] www.euda.europa.eu/publications/joint-reports/5F-MDMB-PINACA

minflok tinfliġġi piena alternattiva għal dik karċerarja, din il-Qorti tinnota illi l-appellant ma qajjem l-ebda aggravju dwar dan u għalhekk ma provda l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tiegħu. Ċertament illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tfittex hija stess r-raġunijiet għaliex għandha tirriforma l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Madankollu, din il-Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, irreferiet għall-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi hekk:

> (1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.
>
> (2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs …

21. M'hemmx dubju illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-appellant kien 'priġunier' fit-tifsira mogħtija mill-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta) ossia "*kull persuna li tkun miżmuma f'xi ħabs*" u illi għalhekk japplikaw fil-konfront tiegħu, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali. La darba l-piena għar-reat ta' pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta, fit-termini tal-Artikolu 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur, iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87), iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, <u>miżjuda bi grad</u>, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, tali piena ta' priġunerija tissarraf f'piena ta' ħames xhur sa tmintax-il xahar, u l-multa f'piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. <u>Miżjuda b'żewġ gradi</u>, il-piena ta' priġunerija kontemplata fl-Artikolu 120A(2)(b)(ii) titla' għal dik ta' priġunerija għal żmien seba xhur sa sentejn. Għalhekk l-Ewwel Qorti mhux biss kienet korretta meta ddikjarat illi l-unika piena li tista' tagħti l-Qorti hija dik ta' priġunerija effettiva, la darba l-liġi f'dan il-każ teskludi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi

Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation,* iżda erogat ukoll piena li tqarreb lejn il-minimu.

22. Iżjed minn hekk, għall-fini ta' piena, l-Ewwel Qorti qieset ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant, kif ukoll min-naha l-oħra l-kwantita` tad-droga li kienet fil-pussess tiegħu.

23. Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha titbiegħed mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta din erogat piena ta' sitt xhur priġunerija.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell interpost minn **Jeremy James FARRUGIA** billi tiċħad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**